II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Informazzjoni dwar l-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja**

Il-Protokoll imsemmi hawn fuq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu ġie ffirmat fit-28 ta' April 2016 fi Brussell.

---

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra**

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014 ([1]), jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, f'konformità mal-Artikolu 431(2) tal-Ftehim, billi l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni ġie ddepożitat fit-23 ta' Mejju 2016.

([1]) ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

---

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra**

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014 ([1]), jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, f'konformità mal-Artikolu 464(2) tal-Ftehim, billi l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni ġie ddepożitat fit-23 ta' Mejju 2016.

---

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.